*4 ta' Frar, 2011*

19/2011

**ĠIMGĦAŻWIEĠ**

**7 – 13 TA' FRAR, 2011**

DISKORS TA' DR. RITA BORG XUEREB – CHAIRPERSON, PROĠETTIMPENN

F'isem il-ProġettImpenn nagħti merħba lill-ġurnalisti kollha. Proġettimpenn jaqa' taħt ir-responsibbilta tal-Kummisjoni Djoċesana Familja, hu iffurmat mill-istess Kummissjoni, mill-Moviment ta' Kana u mill-Caritas, bil-għan li jaħdem favur it-tisħieh taż-żwieġ u l-familja, u dejjem lesti li nikkollaboraw ma' entitajiet oħra li jridu jaħdmu għat-tisħieħ taż-żwieġ u l-familja. Illum Proġettimpenn, li ilu mwaqqaf għal dawn l'aħħar tlett snin, sar sinonomu ma' konferenzi nazzjonali li jittrattaw temi dwar żwieġ u familja. Il-motto li għazilna biex naħdmu fuqu din is-sena hu propju 'Żwieġ b'Saħħtu u Dejjiemi, Pajjiż Għani u Ħieni'.

Fis-sens ta' kollaborazzjoni, magħna llum għandna d-Direttur ta' Cana, Fr Joe Mizzi, s-Sur Alex Attard, rappreżentant ta' Caritas, tal-Progettimpenn, is-Sinjorina Annabelle Muscat rappreżentanta tal-grupp taż-żgħażagħ '*Link*' ta' Ħal Qormi San Ġorġ, u s-Sur Anthony Mifsud, il-President tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħazagħ. Flimkien ser intellghu 'ĠimgħaŻwieġ' li ser tiġi iċċelebrata bejn is-7 u t-13 ta' Frar.

F'Malta, ĠimgħaŻwieġ bdiet is-sena l-oħra. Prinċipalment kienet tikkonsisti f' żewġ konferenzi nazzjonali, waħda fis-6 ta' Frar u l-oħra fit-13 ta' Frar. Fl-ewwel konferenza tkellmu l-Prim Ministru u s-Sinjura Gonzi, u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni u s-Sinjura Muscat, dwar x'jifhmu bi żwieg b'saħħtu u x'jista' jsir iżjed biex jissaħħaħ iż-żwieġ f' pajjiżna. It-tieni konferenza kienet dwar 'Xejriet fil-Familji Maltin – fatti u figuri', u tkellmu d-Direttur u ufficjali mill-Ufficju Nazzjonali ta' l-Istatistka (NSO). L-attendenza għaż-żewġ konferenzi kienet verament tajba ħafna.

L-idea ta' ĠimgħaŻwieġ (*Marriage Week*) bdiet mis-Sinjuri Richard u Maria Kane fl-Ingilterra. Ġiet iċċelebrata għall-ewwel darba fl-1997. F'dawn it-tlettax il-sena, din l-attivita' bdiet ssir f'diversi pajjiżi li jinkludu l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Awstralja, kif ukoll pajjiżi Ewropej bħal: Ġermanja, Repubblika Ċeka, Svizzera, Ungerija, Belġju, Irlanda, Olanda, Rumanija u Slovakkja. Ser tibda ssir ukoll in-Norveġja u l-Izvezja.

Il-koppja Richard u Maria Kane waqqfu wkoll '*Future Way Trust*', bl-iskop li jxerrdu t-twaqqif ta' ĠimgħaŻwieg ma' kemm jista' jkun pajjizi oħra mad-dinja. Il-motto tagħhom hu 'NIĊĊELEBRAW L-IMPENN'.

L-iskop ta' ĠimgħaŻwieġ hu li permezz ta' diversi attivitajiet jintwerew:

1. il-vantaġġ taż-żwieġ għal kulħadd,
2. il-ħtieġa ta' impenn sħiħ minn kulħadd favur żwieġ b'saħħtu: koppji, stat, soċjeta ċivili u anke reliġjonijiet kollha
3. is-sbuhija u l-impenn lejn iz-żwieġ li ħafna koppji żgħażagħ jkunu għazlu li jersqu lejn din il-forma ta' ħajja.

Nhar it-Tnejn 7 ta' Frar ser intellgħu Konferenza Nazzjonali fil-Phoenicia Ballroom, Floriana, bejn 6.30 p.m. u 8.30 p.m. bit-tema 'Il-Familja fl-Ewropa llum'. Il-kelliem prinċipali ser ikun il-Professur Francesco Belletti, Direttur taċ-Ċentru Internazzjonali Studji Familja, f'Milan. Ser ikun hemm ħin għal interventi qosra, jew mistoqsijiet, minn dawk preżenti.

Is-Sibt 12 ta' Frar – Seminar għaż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u 35-il sena mtella' mill-Group Link (Żgħażagħ Parrocca San Ġorġ, Qormi) bil-kollaborazzjoni tal-Kummisjoni Djoċesana Żgħażagħ u l-Kummissjoni Djoċesana Familja, bit-tema: Familja – Diversita', Sforz u Sagrifiċju? Dan is-seminar ser isir fis-sala taċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni f' Birkirkara bejn id 9.00 a.m. u s-1.30 p.m.

Il-Ħadd 13 ta' Frar - Niċċelebraw 'Jum iż-Żwieġ Nisrani'. Fid-9.00 a.m. ser issir Quddiesa fil-Knisja tal-Madonna tal-Ħlas, Qormi, animata mill-Kummissjoni Djoċesana Familja u mxandra fuq il-Public Broadcasting Services. Mistennija jieħdu sehem membri tal-Kummissjonijiet Parrokjali Familja mill- parrocci kollha ta' Malta.

Fuq xewqa personali tiegħu, l-Eċċelenza Tiegħu, l-Arċisqof Pawlu Cremona ser jiltaqa' mal-għarajjes kollha li ser jiżżewġu matul din is-sena, għal ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-Konkatidral ta' San Gwann, il-Belt Valletta fis-6.30 p.m. Din l-attivita' qed tiġi organnizata mill-Moviment ta' Kana.

Il-mixja li qed nitkellmu fuqha llum fil-kamp tat-tisħieħ taż-żwieġ u l-familja ma bdietx illum fil-knisja. Servizzi għall-familja ilhom għaddejjin għexieren ta' snin għax dejjem kien hawn sfidi u diffikultajiet għall-familja. Entitatjiet kbar bħal Moviment ta' Kana u Caritas għalhekk kienu twaqqfu. Iktar dettalji jistgħu jagħtuhom ir-rappreżentanti ta' dawn l-entitajiet.

F' kull soċjeta', meta s-soċjeta rat li qed jikbru l-problemi f'oqsma differenti, ġew ppjanati, saru u għadhom sejrin kampanji kbar biex titqajjem kuxjenza dwar l-effetti ta' dawn il-problemi fuq l-istess soċjeta. Dan jgħodd ukoll għall-isfidi li qed iħabbtu maghhom iż-żwieġ u l-familja. Nħossu għalhekk il-ħtiega tal-ħidma li qed jagħmel Proġettimpenn biex insaħħu iż-żwieġ u l-familja f'pajjiżna.

Grazzi.